KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Għawdex - Malta

**Minuti tal-43 laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 9 ta' Diċembru, 2015 u li bdiet fis-1.05 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Is-Sur Philip Vella |
| **Viċi Sindku:** | Is-Sinjura Frances Galea |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana (ġiet aktar tard) |
| **Uffiċċjali:** | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| **Ambaxxatur taż-żgħażagħ:** | Is-Sur Eric Gauci |

## 1. QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, l-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħa preċendenti Nru. 42 – 8, li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsilliera Maria Cassar Sultana kienet ser tattendi għal din il-laqgħa aktar tard.

*Is-Sindku ssospenda l-laqgħa fis-1.08 p.m. Waqt dan l-interval mill-laqgħa ġie mistieden Mons. Anton Mizzi biex jkellem lill-Kunsill.*

Is-Sindku kien stieden lil Mons. Anton Mizzi għal din il-laqgħa u taħ l-permess li jitkellem. Mons. Anton Mizzi qal lill-Kunsill li mill-pinna tiegħu kiteb innu bl-isem "Innu Ta' Sannat" li jixtieq li jirregalah lill-Kunsill Lokali Ta' Sannat. Dan l-innu jikkonsisti f'erba' strofi endekasillabi, jiġifieri mfassal fuq il-vers tal-ħdax. Kull waħda mill-istrofi għandha għan partikulari. L-ewwel strofa thares lejn l-aspett ambjentali u ġeografiku tar-raħal Ta' Sannat. It-tieni strofa titkellem dwar l-istorja tiegħu. It-tielet strofa tittratta l-identita' tar-raħal. L-aħħar strofa hi l-viżjoni li titlaq mill-preżent lejn il-futur. Il-mużika ta dan l-innu saret fuq kompożizjoni tas-Surmast Joe Vella. Mons. Mizzi qal li dan għamlu għaliex hu jħoss li r-raħal

Ta' Sannat għandu jkun mogħni b'innu wkoll. Hu qal li qed jaħdem biex dan l-innu jkun fuq ktejjeb żgħir apposta. Mons. Mizzi qara dan l-innu u ta spjegazzjoni strofa strofa tiegħu.

Is-Sindku f'isem il-Kunsill irringrazzja lil Mons. Mizzi għal dan ix-xogħol oriġinali li minn qalbu rregalaħ lil dan il-Kunsill u qal li dan l-innu għandu jindaq l-ewwel darba f'Jum Sannat. Hu stiednu biex l-ewwel darba li jindaqq dan l-innu Mons. Mizzi għandu jgħati spejagazzjoni dettaljata bħal ma ta lil Kunsill lil pubbliku li jkun preżenti. Il-Kunsillieri preżenti ferħu u rringrazzjaw lil Mons. Mizzi.

*Il-laqgħa tkompliet fis-1.35 p.m.*

## 2. Tiġdid tal-Kuntratt – Tindif u knis ta' Toroq Urbani f' Ta' Sannat

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kuntratt tat-tindif u knis ta' toroq urbani jgħalaq fl-1 ta' Frar 2016 u li dan jista jerġa jiġġedded għal sena oħra mit-2 ta' Frar 2016 sa 1 ta' Frar 2017. Il-Kunsill qabel li jġedded dan il-Kuntratt.

## 3. Materji oħra

1. Is-Sindku nforma lill-Kunsill Lokali b'dawn l-avvenimenti għal żmienijiet tal-Milied 2015.
   - Iż-żjara tal-President ta' Malta fil-lokalita' Ta' Sannat ser issir nhar is-Sibt 19 ta' Diċembru 2015 bejn l-10.25 a.m. u l-11.15 a.m. Dan biex tiġbor fondi b'risq il-Malta Community Chest Fund. Il-Kunsill bil-għajnuna tal-parroċċa ġa qassam envelopes mall-Bullettin fil-weekend li għadda fejn dawn ser jinxteħtu f'kaxxi apposta fil-Knisja Parrokkjali u l-ammont migbur jingħata dak in-nhar. Il-Kunsill stieden lill-kor tat-tfal tal-parroċċa biex ikantaw xi christmas carols u l-Head tal-iskola ġiet mitluba biex tgħid lit-tfal biex jattendu. Żewġ ibniet ser jgħamlu wkoll il-priedka tal-Milied. Il-Kunsill qabel li għandu jinkera s-servizz ta' PA system.
   - Il-Ħarġa għat-tfal tal-Milied ser issir nhar is-Sibt 26 ta' Diċembru 2015 fejn ser jintwera film fl-Oratorju Don Bosco u wara jingħataw goody bag tal-Milied. It-tluq mill-Pjazza Santa Margerita ser ikun fid-9.30 a.m. Il-Kunsill ser iħallas €3.50 għal film għal kull tifel u tifla li jattendu nkluż popcorn waqt il-film.
   - Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minn għada ser jibda jqassam il-gallettini lill-anzjani fid-djar tagħhom. Hu stieden lill-Kunsillieri kollha biex min irid imur miegħu. Il-Viċi Sindku qallet li s-sena l-oħra xorta nġabru dawn il-ġallettini avolja ma tqassmux bieb bieb. Is-Sindku wieġeb li hu jħoss li dawn għandhom jitqassmu bieb bieb.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li applikajna għal tlett applikazzjonijiet minn Memo 30/2015 (DLG) dwar inizjattivi kulturali għas-sena 2016. Dawn huma:
   - Medieval... Alive – Weekend ta' attivitajiet medjevali – f'April 2016
   - Il-Maltin ta' New Caladonia – Dramm Settembru 2016
   - The Christmas Grand Concert – kunċert mużikali f' Diċembru 2016

   Hu ta spjegazzjoni żgħira ta' kull attivita'. Ir-riżultat ta din l-iskema suppost ser jitħabbar matul dan ix-xahar.

*Is-Sindku ssospenda l-laqgħa fis-1.50 p.m.*

Waqt din il-laqgħa attenda wieħed mill-Kuntratturi tal-Kumpanija Galea Curmi Engineering Consultants, l-Inġinier Mario Galea fejn dan ġie biex jgħati spjegazzjoni dwar l-multa li l-Kunsill weħel fuq il-fondi ewropej minn Miżura 313 Ġnien tal-Bidwi u madankollu l-Kunsill kien talab li jwaqqaf il-pagamenti lil din il-kumpanija peress li kien it-tort tagħhom. L-Inġinier Galea ta' spjegazzjoni li ma kienx nuqqas tal-kumpanija tagħhom li kitbu l-ispeċifikazjonijiet tal-offerta rikjesta mill-Kunsill jew xi kompitenza li l-ispjegazzjonijiet f'din l-offerta ma kienux kif suppost. Għalhekk hu talab li l-Kunsill għandu jirrevoka dak li ntqal fil-laqgħa preċiedenti u jkompli jħallas lil dan il-Kuntrattur. Il-Kunsill wara li fehem dan, qabel li jkompli jħallas lil Kumpanija Galea Curmi Engineering Consultants

*Il-laqgħa tkompliet fis-1.58 p.m.*

3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li ġie nfurmat permezz tas-sistema tat-trenching li saret applikazzjoni biex issir trinka mill-Kumpanija Vodafone bil-Kuntrattur Debono Bros. Ltd. minn Triq Ta' Ċenċ, Pjazza Santa Margerita, Triq Sannat għal Triq ix-Xewkija għal servizzi ġodda. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni dwar din it-talba basta li t-toroq jiġu resurfaced mill-aktar fis wara li jsir ix-xogħol.

4. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li biex jitħaffef il-proċess biex il-pompa tal-ilma li tinsab fil-wied ta' Mġarr ix-Xini tiġi f'idejn il-Kunsill, l-Avukat tal-Kunsill ġie mitlub biex jipprepara draft ta' kuntratt mall-Korporazzjoni tal-Ilma. Dan sar biex 'l quddiem dan il-wirt storiku jiġi salvat mill-istat li hu, dejjem jekk il-Kunsill isib l-għajnuna rikjesta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu ċċirkola kopja ta dan id-draft lill-Kunsilliera kollha permezz ta' imejl. Jekk il-Korporazzjoni tal-Ilma taċċetta u jiġi ffirmat dan il-Kuntratt, wara l-Kunsill jkun jista japplika mall-MEPA biex jekk ikollu l-fondi rikjesti ghal dan il-proġett, jkun jista jirrestawra dan il-wirt.

5. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu kellu laqgħa apposta mas-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva Justyne Caruana, fejn qal li hu talab l-għajuna finanzjarja biex il-proġett tal-Playing field fi Triq Marziena jkun aktar aċċessibli għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Fost ix-xogħolijiet li ser isiru f'dan il-playing field huma r-rampi u playing equipment ġdid. Is-Segretarja Parlamentari laqgħet din it-talba u offriet l-għajnuna ta' €5000 fil-playing equipment. Għalhekk għandu jiġi ffirmat kuntratt ma dan is-Segretarjat għal dawn il-fondi addizzjonali.

6. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li peress li nhar il-Milied u l-Ewwel tas-Sena din is-sena ser jaħbtu l-Ġimgħa, dak inhar mhux ser isir ġbir ta' skart domestiku skond il-kuntratt. Dan is-servizz minflok ser isir nhar il-Ħamis 24 u 31 ta' Diċembru 2015. Il-Kuntrattur ġa ġie nfurmat dwar dan. Il-Kunsill ser jinforma lir-residenti tal-lokal permezz ta' avviż.

7. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kumpanija Green Pak ser terġa tqassam l-aħħar pakkett ta' boroż ħodor għal din is-sena. Ma dan ser jitqassam ukoll kalendarju bil-ġranet immarkati meta ser jinġabar l-iskart reċiklabbli dak ta kull nhar ta' Tlieta u anke dak tal-ħġieġ f'kull l-ewwel Ħamis ta' kull xahar.

8. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li xi għalliema mill-iskola tal-Ispecial Unit Ta' Sannat talbu li fil-wesgħa tal-bankina quddiem l-entratura tal-playing field fi Triq Marziena issir rampa. Dan biex persuni li jużaw l-wheel chair jkunu jistgħu jidħlu fil-playing field u jagħmlu użu minnhu. Il-Kunsill qabel ma dan u ser jitlob l-għajnuna tal-ħaddiema tal-Community Work Scheme li huma assenjati lill-Kunsill biex jagħmlu dan ix-xogħol kemm jista jkun malajr.

9. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-iskrivana tal-Kunsill kien għad fadlilha tieħu xi vacation leave u li dan jammonta għal 45 siegħa sa l-aħħar ta din is-sena. Il-Kunsill qabel li dan il-vacation leave jiġġedded għas-sena li ġejja u jittieħed fl-ewwel xhur tas-sena. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li dan il-leave ma tteħidtx għaliex l-iskrivana kien għad fadlilha l-vacation leave minn tas-sena ta' qabel 2014 u l-ewwel kien ittieħed dan, apparti l-volum ta' xogħol li l-Kunsill kellu matul din is-sena. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill biex meta jkun il-waqt l-Kunsill għandu jimpjega persuna oħra fl-uffiċċju biex dan id-dritt ikun jista jittieħed aktar fil-ħin mistħoqq u stipulat.

*Fis-2.15 p.m. daħlet għall-laqgħa l-Kunsilliera Maria Cassar Sultana, fejn din talbet skuża li ma setgħetx tkun fil-ħin aktar kmieni.*

10. Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku nfurmaw lill-Kunsill li huma attendew għal laqgħa ta' informazzjoni li saret ma' l-Ombudsman dwar li kull l-ewwel Sibt ta' kull xahar fl-NGO, ser jibda jingħata servizz ta' għajnuna f'Għawdex ukoll. Is-Sindku ssuġġerixxa biex l-Ambaxxatur taż-żgħażagħ jara jekk hemmx xi żgħażagħ li jista jkollhom xi tip ta ilmenti u li jkunu jixtiequ laqgħa apposta ma' l-Ombudsman.

11. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li hu attenda għal laqgħa ta' Informazzjoni dwar il-Ħarsien tal-Annimali fis-sala tal-farm ix-Xewkija.

12. Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku qalu li huma attendew għal seminar dwar skill cards fl-industija tal-kostruzzjoni. Huma taw id-dettalji dwar fuq xiex kien dan is-seminar.

13. Fuq parir tal-Accountant tal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill li fil-bank hemm numru ta' kontijiet bankarji miftuħa b'ammonti żgħar u li dawn l-aħjar hu li jingħalqu u l-ammonti jitpoġġew kollha fuq s-savings, dan peress li dawn mhux qed jagħmlu xi mgħax. Il-Kunsill qabel ma l-egħluq ta' dawn il-kontijiet bankarji.

14. Biex il-Kunsill jkun jista jaħdem b'sistema kompjuterizzata w aktar save s-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill biex jkun jista jinxtara Server, wieħed għal komputers kollha biex dak miġbur fuq il-komputers ikun saved fuqu. Hu talab ukoll biex jinxtara u jiġi updated il-programm tas-sage għal accounts tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jinxtraw dawn.

15. Il-Kunsilliera Cassar Sultana staqsiet f'hiex wasal ix-xogħol fuq il-cameras fl-entraturi tal-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu għad ma għandux stima ta' kemm dawn il-cameras ser jiġu jiswew lill-Kunsill.

16. Il-Kunsilliera Cassar Sultana staqsiet lill-Kunsill jekk hux possibli li f'Mejju 2016 isir fashion show bi ħwejjeġ staġionali fil-Pjazza Santa Margerita. Il-Kunsill għandu jgħamel laqgħa apposta dwar din l-attivita'.

17. Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta r-rapport ta' kull kwart għal Lulju - Settembru 2015, dan kien iċċirkulat permezz ta' imejl minn qabel din il-laqgħa għal approvazzjoni tiegħu. Dan ġie approvat u ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

18. **Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali**
Memo 32/2015 Espressjoni ta' Interess għall-impjieg ta' persuni b'diżabilta'
Memo 33/2015 Direttiva – Ftehim mal-iskema dwar ġbir ta' skart separat

**4. Ilmenti u suġġerimenti**

1. Is-Sinjura Gorga Bajada qed titlob li l-isqaq fi Triq Xamgħan jiġi miftuħ kif kien. Il-Kunsill ma qabilx ma dan.

2. Is-Sinjorina Tereza Grima qed titlob li l-isqaq fi Triq Xamgħan jiġi miftuħ kif kien u li l-vetturi għandhom jgħaddu kif kienu qabel. Il-Kunsill ma qabilx ma dan.

3. Chev. Lionel Coates qed jilmenta biex isiru traffic mirrors fi Triq Dun Xand Aquilina u Triq ix-Xabbata u dwar guvnotti li qed jsuqu roti b'petrol-powered. Dwar it-traffic mirrors l-Kunsill ma qabilx li jsiru dawn u dwar ir-roti b'petrol-powered din hi kompitenza tal-Pulizja.

4. Is-Sinjura Salvina Cordina qed tilmenta dwar riħa tad-drenaġġ fi Triq Ta' Ċenċ ħdejn is-Supermarket. Dwar dan l-ilment l-uffiċċju tal-Kunsill ġa ħa l-azzjoni meħtieġa u nforma lid-Drainage Office.

5. Is-Sur Anthony Bugeja bgħat email dwar globu nieqes f' Sannat Junction. Dwar dan is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu ġa kien informa lill-Inġinier tal-Ministeru għal Għawdex.

6. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li avviċinawh xi residenti minn Triq Xamgħan u qalulu li fit-triq għandu bżonn li jsir l-patching. Hu qal ukoll li fil-bidu ta Triq għall-bajja ta' Mġarr ix-Xini ukoll hemm xi ħofor kbar biex jiġu ppeċjati. Il-Kunsill qabel ma dan.

7. Is-Sur Salvu Muscat ta' Triq Dun Lazzru Camilleri qed jitlob biex isir bankina ġdida ma dar tiegħu. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

8. Is-Sur Joe Vella ta' Triq Durell, qed jitlob biex titbaxxa l-bankina tad-dar tiegħu. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

9. Il-Viċi Sindku qalet li ġiet avviċinata minn Glorianne Scicluna ta' Triq Qortina fejn qed titlob li ssir bozza ġdida mad-dar tagħha. Il-Kunsill qabel ma din it-talba biex it-triq tiddawal aktar peress li hemm id-dlam.

10. Is-Sindku semma li fi Triq Sannat hemm no waiting signs nieqsa u spiċċuti fuq in-naħa tal-iskola. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jwaħħal dawn it-tabelli mal-pilastri tal-ħajt.

## 5. Skeda tal-Pagamenti għall-Ħlasijiet

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 22 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti.

## 6. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fit-2.45 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 13 ta' Jannar 2016, fis-1.00 p.m.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Jason Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**